# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 12 ta' Marzu,2001**

**Numru 4**

**Avviz numru 1109/99mm**

**Anthony Mangion**

**vs**

**Mario Fenech u Margaret Fenech**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mill-attur fil-21 ta' Lulju 1999 fejn wara li ppremetta illi:

Peress illi b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-6 ta' Lulju, 1998 fl-ismijiet Anthony Mangion vs Mario Fenech (Avviz Nru 1117/98mm) l-attur gie kanonizzat kreditur tal-konvenut (li hu mizzewweg lill-konvenuta l-ohra) fis-somma ta' tmien mitt Lira Maltin (Lm800) in rifuzzjoni ta' flus imhallsin mill-attur lill-konvenuti ghall-promessa cessjoni ta' art maghrufa bhala ta' Trenta fil-kontrada ta' Srini, Zebbug, Malta, liema cessjoni ma

sehhitx ghax ma setghetx issehh, bl-ispejjez tal-kawza u bl-imghax mill-14 ta'  Mejju,1998 (Dokument A).

Peress illi l-Mandat ta' Qbid Numru 1611/98 tat-18 ta' Awissu, 1998 gew maqbudin mill-poter tal-konvenut mid-dar fejn kien joqghod ma' martu Margaret l-oggetti indikati fl-annessa lista Dokument A2.

Peress illi fuq Rikors tal-attur prezentat fl-4 ta' Novembru, 1998 ghall-bejgh b'subbasta tal-oggetti maqbudin bl-imsemmi Mandat giet fissata l-imsemmija subbasta ghas-16 ta' Marzu, 1999 u sussegwentement ghat-8 ta' Lulju, 1999 (stante li l-konvenut ma kienx ghadu notifikat bl-ewwel Avviz tal-bejgh fuq imsemmi) (Dokument A4).

Peress illi b'Rikors prezentat fl-14 ta' Gunju,1999 l-konvenuta Margaret Feneh mart il-konvenut talbet li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tirrevoka *contrario imperio*  d-Digriet Taghha tat-13 ta' Mejju 1999 li bih kien gie fissat il-jum 8 ta' Lulju 1999 ghall-bejgh in subbasta tal-oggetti elevati mid-dar konjugali mill-poter tal-konvenut zewgha (u taghha) bil-Mandat ta' Qbid 1611/98  u ghalhekk tordna l-liberazzjoni tal-effetti mobbli kollha maqbuda bil-precitat Mandat ta' Qbid.

Peress illi fis-6 ta' Lulju 1999 meta l-Avukat tal-attur mar biex jaghmel ir-risposta tieghu ghall-imsemmi Rikors fit-terminu ta' jumejn minn notifika kif moghti mill-Qorti sab li l-Qorti  kienet iddegretat r-Rikors fil-5 ta' Lulju,1999 (Dokument A3) in vista li

ma saret l-ebda risposta in opposizzjoni u ghalhekk il-Qorti laqghet it-talba kif dedotta.

Peress illi l-attur ma setghax jirrispondi tempestivament ghar-Rikors ta' Margaret Fenech ghaliex jallega li hu gie notifikat bir-Rikors nhar is-Sibt 3 ta' Lulju, 1999 billi thallietlu kopja f'idejn persuna li l-Purtier kwalifika bhala Nancy Mangion waqt li l-istess Purtier iddikjara f'Riferta bid-data ta' 1 ta' Lulju 1999 li huwa kien innotifika lill-attur personalment billi hallielu kopja tar-Rikors f'idejn l-imsemmija Nancy Mangion (li mhix mart l-attur jew membru tal-familja tieghu izda persuna li tikkoabita mal-attur).

Peress illi r-raguni li kienet gabet il-konvenuta Margaret Fenech mart il-konvenut biex issostni t-talba taghha ghall-liberazzjoni tal-oggetti maqbudin bil-Mandat ta' Qbid mill-bejgh in subbasta kienet, li hija kienet isseparat minn zewgha, il-konvenut, b'kuntratt tat-23 ta' Lulju,1998 u f'dan il-kuntratt zewgha kien assenjalha sehemu mill-effetti kollha ezistenti fl-appartament Block Ittra B Numru 3(B3) flat Numru 4, Triq in-Newl, Haz-Zebbug (id-dar konjugali).

Peress illi s-Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tas-6 ta' Lulju 1998 fuq imsemmija kienet tipprecedi l-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-konvenut u martu b'almenu 17-il gurnata u l-meritu kien debitu tal-komunjoni u l-Mandat ta' Qbid sar fuq id-dar taz-zwieg fejn jidher car kien ghadu abitat mill-konvenut meta sar il-Mandat ta' Qbid fit-18 ta' Awissu 1998 u esegwit fl-20 ta' Ottubru,1998.

Peress illi fin-nuqqas tal-attur li jirrispondi tempestivament fit-terminu lilu preskritt ma seta' qatt ifisser l-accettazzjoni tat-talba tal-imsemmija Margaret Fenech izda se mai kienet dina l-attitudni, kontestazzjoni tat-talba (dan qed jinghad bla ebda pregudizzju ghall-fatt li l-attur ihoss li gie indott ghan-nuqqas li jirrispondi tempestivament minn nuqqas tal-Purtier li jinnotifikah kif kien xieraq bir-Rikors kif kienet ordnat il-Qorti tal-Magistrati b'digriet taghha tal-15 ta' Gunju,1999).

Peress illi l-kundizzjonijiet tal-Kuntratt ta' Separazzjoni tat-23 ta' Lulju 1998 bejn il-konjugi Fenech qatt ma seta' jkollhom effett legali fuq terzi kredituri tal-konjugi bhala kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti minn zmien qabel l-istess kuntratt u l-iskrizzjoni tieghu fir-Registru Pubbliku.

Jghidu l-konvenuti ghaliex dina l-Qorti m'ghandhiex taqta' u tiddeciedi illi l-oggetti kollha elenkati fil-Mandat ta' Qbid 1611/98 fuq imsemmi ghadhom soggetti ghall-effetti tal-istess Mandat u dan nonostante l-assenjazzjoni tan-nofs tieghu mill-imsemmija mobbli da parti tal-konvenut Mario Fenech a favur ta' martu Margaret Fenech u bhala tali huma soggetti ghad-domanda tal-attur ghall-bejgh in subbasta sabiex id-debitu tal-imsemmi Mario Fenech (debitu li kien tal-Komunjoni gia ezistenti bejnu u bejn martu Margaret) u dovut lill-attur, ikun jista jithallas u jigi sodisfatt.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-Mandat ta' Qbid tad-9 ta' Lulju 1999 Numru 1550/99 u tal-Mandat ta' Sekwestru tal-20 ta' Lulju,

1999 numru 1608/99 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Margaret Fenech fejn eccepiet illi:-

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan in bazi ghas-segwenti motivi, fost ohrajn:-

1. l-eccipjenti ma kienetx citata bhala wahda mill-kontendenti fil-kawza per Avviz numru 1117/98mm.

2. il-Mandat ta' Qbid Numru 1611/98 li ta lok ghall-prelevament tal-oggetti maqbudin gie ntavolat fit-18 ta' Awissu 1998 u ghalhekk wara l-pubblikazzjoni tal-kuntratt tas-separazzjoni tat-23 ta' Lulju 1998;

3. il-proceduri tas-separazzjoni kienu inizjati qabel is-sentenza profferita fis-6 ta' Lulju 1998;

4. il-konvenut l-iehor assuma l-oneru li jaghmel tajjeb ghad-debitu minnu maghmul u dan kif espress fil-kuntratt tas-separazzjoni.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat illi l-konvenut Mario Fenech baqa' kontumaci u ma ppresentax ecezzjonijiet ghal din it-talba tal-attur.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fis-6 ta' Lulju 1998 l-attur Anthony Mangion gie kanonizzat kreditur tal-konvenut Mario Fenech fis-somma ta' tminn mitt lira (Lm800) wara promessa ta' cessjoni ta' art propjeta' parafernali, maghrufa bhala ta' Trenta fil-kontrada ta' Srini, Zebbug, Malta, liema cessjoni ma setghetx issir u b'hekk irrizulta illi l-hlas ta' tminn mitt lira illi l-attur Mangion kien ghamel lill-konvenut Mario Fenech li sar indebitament. Sussegwentement l-attur Anthony Mangion ipprova jesegwixxi dan il-kreditu b'Mandat ta' Qbid fir-residenza tal-konvenut Mario Fenech. Dan il-Mandat gie esegwit u ntalbet ukoll li ssir is-Subbasta tal-oggetti maqbuda permezz ta' dan l-Mandat. Kien hawnhekk illi nterveniet il-konvenuta l-ohra Margaret Fenech fejn ottjeniet is-sospensjoni ta' din is-Subbasta ghaliex qalet illi l-oggetti illi gew maqbuda mill-Marixxall kienu proprjeta' taghha. Fil-fatt irrizulta illi fit-23 ta' Lulju 1998 in atti Nutar Joseph Vassallo Agius il-konvenuti Mario Fenech u Margaret Fenech isseparaw legalment fejn, fost it-termini tal-imsemmi kuntratt, il-konvenut Mario Fenech assenja lill-konvenuta Margaret Fenech l-oggetti kollha mobbli illi kellhom fid-dar konjugali. Ghalhekk meta sar il-mandat u gie esegwit, l-oggetti kollha illi kien hemm imnizzla fuq dan il-Mandat kienu apparentement jappartjenu lill-konvenuta Margaret Fenech.

Il-konvenuta Margaret Fenech ma kienetx parti fil-kawza originali illi l-attur istitwixxa kontra zewgha Mario Fenech u dana wkoll ghaliex l-art meritu ta' dik il-kawza kienet, kif inghad, propjeta' parafernali ta' zewgha u l-attur gie kanonizzat kreditur biss fil-konfront tal-konvenut Mario Fenech. Barra minn hekk, il-

konvenuta xehdet ukoll illi l-oggetti mobbli illi gew elenkati mill-Marixxall meta gie biex jesegwixxi l-Mandat ta' Qbid kienu proprjeta' parafernali taghha (fol 34). Prova ta' dan pero' ma ngabitx ghajr ix-xhieda taghha stess. Dana mhux bizzejjed u ma jbiddilx il-konsegwenzi legali tal-kreditu li ghandu l-attur.

Minkejja li l-art li fuqha nghatat is-somma ta' Lm800 kienet proprjeta' parafernali ta' Mario Fenech, din is-somma tappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti gia ezististenti, bejn il-konjugi Fenech. Ghalhekk, waqt x-xoljiment tal-komunjoni, din kienet debitrici lejn Mario Fenech fis-somma ta' Lm800. Darba din ic-cifra kienet dejn fuq il-komunjoni, l-proprjeta' kollha tal-komunjoni tista tigi attakkata biex tissodisfa d-dejn u d-divizjoni tal-beni tal-komunjoni (li ghandha biss effetti dikjaratorji u mhux trasferiment) ma tehlishomx minn tali piz. Fi kwalunkwe kaz, is-separazzjoni u jew likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti hu dejjem minghajr pregudizzju ghad-drittijiet ta' terzi (Art. 1244(1) Kap 16) u ghandu biss effett mid-data ta' registrazzjoni ghal dawk id-djun inkorsi wara din id-data (Art 1246 u 1332 (9) Kap 16). Ghalhekk, il-konvenut jista liberament jesegwixxi fuq dawk l-oggetti elenkati fuq il-Mandat ta' Qbid Nru 1611/98.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi li tilqa' t-talba tal-attur bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Anthony Zammit

Dep Reg